*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 39**

**It-Tnejn 25 ta' Lulju 2022.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta online u anke mill-Kunsill (live streamed) minħabba it-tixrid tal-Covid 19 fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Ryan Portelli- Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
John Schembri – Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier
Errol Cutajar – Kunsillier
Janice Falzon – Viċi Sindku

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
Charlot Mifsud – Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**39.1** ***Qari t'aploġija:***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien hemm ittri t'apoloġija tal-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud filwaqt illi l-Kunsillier is-Sur John B Calleri ser ikun skużat ukoll u ser jibgħat l-ittra tal-appoloġija ftit tard.

**39.2.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 38 li saret Nhar it-Tlieta 21 ta' Ġunju 2022:***

**39.2.1.1** Is-Sindku qal illi paġna 3 paragrafu 38.2.5 l-aħħar paragrafu jrid jinbidel u jinqara kif ġej:

*Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 5 artiklu 37.3.4 fejn qal illi l-iżjara tal Ministru Onor Owen Bonnici kienet tajba ħafna fejn anke tkellemu fuq l-istruttura tal-fortizza ta` zmien il-gwerra li tinsab ġewwa Triq Apap Bologna u fuq ir-ridott tal-Franċis fir-ramla ta San Tumas u anke f'dawn il-ftit ġranet li għaddew mil-laqgħa kien hemm follow up tajjeb min naħa tal-Ministeru. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi stieden lill Ministru għal Jum Marsaskala fejn ser isir ukoll il-ftuħ uffiċjali tal-Ufficju tal-Kunsill u għandu l-pjaċir li jattendi. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi min naħa tal-Ministeru ser jgħinu ukoll biex issir din l-attivita' peress li il-Kunsill Reġjonali kien ser jagħtina is-somma ta` €1200 u issa sirna nafu illi dan ma jistax isir għal din l-attivita' partikulari izda nistgħu nagħmlu uzu minn dawn l-attivitajjiet fil-Ġimgħa l-kbira 2023.*

**39.2.1.2** Il-Kunsillier il-Perit John Schembri ppropona l-approvazzjoni tal-minuti hekk kif emendati bħala dokument korrett u ssekonda il-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.

**Il-minuti ġew unanimament approvati hekk kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

**39.2.2** ***Matters Arising tal-laqgħa 36 li saret nhar it-Tlieta 21 ta' Ġunju 2022.***

**39.2.2.1** Is-Sindku tkellem fuq paġna 2 paragrafu 38.2.2.2 rigward il-*memorandum of understanding* tal-parkeġġ tal-iskola fejn qal li huwa flimkien mal-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud u s-Segretarju Eżekuttiv raw dan l-MOU u huma tal-opinjoni li huwa tajjeb u staqsa lil Kunsilliera preżenti li jekk huwa tajjeb jistgħu jmexxu hekk kif inhu.

Kien hemm qbil unanimu.

**39.2.2.2** Is-Sindku tkellem fuq paġna 3 paragrafu 38.2.2 rigwrad il-*pillar tac-charging point* tal-van tal-eletriku tal-*home* ta' Triq il-Baħħara u Triq Nigel Dennis. Huwa kompla jispjega illi wara li saret konsultazzjoni ma residenti wara li kien hemm ilment minħabba dan il-parkeġġ, u ġie deċiż u dan dejjem bi qbil mas-CEO biex din id-dar tal-anzjani illi dan il-*pillar* jsir fl-*un/loading bay* ta' Triq Nigel Dennis.

**39.2.2.3** Is-Sindku tkellem fuq paġna 4 paragrafu 38.2.6 fejn qal li wara li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iltaqu mas-sid ta' dan l-istabbiliment Ta' Ninu fuq il-post u ġie deċiż illi l-*belishia light* ser titressaq għal-fuq il-kurduna.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-*belishia beacon* ser tiġi fuq il-*construction built out* filwaqt li l-istruttura ser tiġi rtirata l-ġewwa. Huwa qal li saħaq mas-sid ta' dan l-istabbilment illi ma jkunx hemm *obstruction* fuq il-*construction build out* ħalli minn ikun qed jaqsam jkun hemm viżibilta tajjba minħabba il-karozzi

**39.2.2.4** Is-Sindku tkellem fuq paġna 6 paragrafu 38.3.2 fejn informa lill-Kunsilliera illi l-arblu tal-bandiera li xtrajna minn għand il-Każin tal-Banda Sant'Anna issa inqala minn fuq il-bejt tal-każin u qiegħed fuq in-naħa ta wara tal-Kunsill u qed jsiru l-arranġamenti neċessarju flimkien mal-Perit u l-kuntrattur sabiex jitwaħħal f'post fil-ġnien eżatt fejn il-funtana peress li ma setgħax jsir fuq il-bejt tal-binja tal-Kunsill.

**39.2.2.5** Is-Sindku tkellem fuq paġna 8 paragrafu 38.7.1 fejn qal illi t-tħammil fil-magħluq sar u anke l-bankina li kienu ftehmu ser issir ukoll.

**39.3** ***<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>***

39.3.1 **<u>Tabella no entry ghall iskola primarja San Gwakkin (35/2862/22/I)</u>**

Is-Sindku qal li għandna nkomplu nikkomunikaw ma TMalta fuq it-tabelli ta' ħdejn l-iskola għaliex dawn it-tip tabelli jsiru ħdejn kull skola. Huwa qal illi wieħed għandu jqis illi l-iskola saret wara li diġa kien hemm ir-residenti joqgħodu hemm u dawn ir-residenti ma kienux oġġezzjonaw għal din l-iskola fuq il-presuppost illi ma jkollomx aċċess limitat għal djarhom u l-parkeġġ jintuża mir-residenti. Huwa qal li huwa jifhem li dawn ma jistgħux jaqbdu u jidħlu meta jkun hemm it-tfal deħlin u ħerġien iżda dejjem jkun hemm uffiċjal tal-komunita` jew uffiċjal tal-puluzija u għaldaqstant jkunu jistgħu jidħlu jew joħorġu ġo djarhom waqt li t-tfal jkunu deħlin jew ħerġien bid-direzzjoni tal-gwardjan jew puluzija. Huwa qal li dan it-talbelli ma għandhomx jinqalgħu għax għadna ma ġibniex il-permess ta TMalta iżda għanda nkomplu naħdmu sabiex nottjenu l-permessi neċessarji.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li Transport Malta jistgħu jaslu għal żewġ soluzjonijiet, fejn jew jitlobu lil TMalta huma stess sabiex jaqgħalu dawn it-tabelli jew ma jibgħatux gwardjan lokali jew Puluzija l-uffiċċjali tal-komunita` jew tal-puluzija waqt il-ħin tal-iskola. Huwa kompla jispjega illi huma ħadu in kunsiderazzjoni li din l-iskola hija waħda ġdida u għaldaqstant dawn għandom id-*drop off point* tagħhom.

Is-Sindku qal li għandna nitolbu laqgħa magħhom u niddiskutu aħjar ħalli tinstab soluzzjoni.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

- ***Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri daħal għal-laqgħa fis-7.15pm***

39.3.2 **<u>Tmexxija ta Bus stop kif propost min TM (35/2869/22/I)</u>**

Is-Sindku qal li residenti ilhom jitlob sabiex la issa infetħet triq ġdida bejn Triq ir-Ridott u Triq il-Qaliet jkun aħjar illi l-karozza tal-linja tgħaddi minn hemm u tevita li tkompli tgħaddi minn Triq Philip De Vendome minħabba li ġo Triq Philip De Vendome hemm liwja ikbar biex iddur tal-linja. Huwa kompla jispjega illi fuq din il-materja ser jiltaqa ukoll mas-Sur Michael Cohen.

Kien hemm qabil unanimu dwar dan.

39.3.3 **<u>Kuntrattur Public Convenience (35/2850/22/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-*contracts manager* bagħat dan il-komunikat fuq in-nuqqasjiet tal-kuntrattur tal-latrina. Huwa spjega illi diġa ħarġet *default notice* iżda n-nuqqasijiet baqgħu ma ġew indirizzati u għaldaqstant il-*contracts manager* qed jiġbed l-attenzjoni tal-kunsill sabiex jara l-Kunsill jekk jimplimentax it-tieni *default notice.* Huwa qal illi ser tinqata 5% *default fee* mil-invoice li jmiss.

Kien hemm qbil li tiġi mplimentata t-tieni *default notice* u terġa tinqata 5% *default fee.*

39.3.4 **<u>Kuntrattur tal-knis (35/2849/22/I)</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-*contracts manager* qed jiġbed l-attenzjoni fuq il-kuntratt tal-knies u qtugħ ta ħaxix li mhux qed jsir u dan anke wara li dawwarna l-iskeda li kien hemm fil-kuntratt għax ma kienetx qed taħdem u għamilnija iktar faċli għal-ħaddiem iżda xorta qed jkun hemm 2 ħaddiema flimkien u anke il-programm il-ġdid mhux qed jiġi esegwit sew. Huwa qal li anke qed jispiċċaw jiġu attakati verbalment mill-ħaddiema.

Huwa qal li huwa tal-opinjoni li ż-żewġ ħaddiema li ilhom jaħdmu ma dan il-kuntarattur u jafu t-toroq sew u anke għandhom it-transport jgħamlu t-toroq residenzjali, filwaqt illi dawk il-ħaddiema li jiġu b'tal-linja u jinbidlu diversi drabi għandhom jgħamlu ir-rotta tal-kuljumm għaliex tinderha iktar malajr.

Kien hemm qbil li tinħareġ *default notice* u tinqata il-5% *default fee* ukoll.

39.3.5 **<u>Ċirkulari SPI SCI 3 2021 Skema ghall attivitajiet kulturali annwali 2021 (35/2843/22/I)</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi din is-sena reġgħet ħarġet skema ġdida iżda wara li hu tkellem mas-Sinjura Josianne Cassar minħabba li l-attivita tagħna tas-sena li għaddiet kienet tħasret nistgħu nużaw l-istess fondi u kemm ninfurmawhom bid-tibdil tal-post.

Il-Kunsillier is-Sur Maryrose Mifusd qalet illi bħala *financial plan* mhux ha jkun l-istess għaliex l-affarijiet għolew.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li f'dak il-każ irridu napplikaw mill-ġdid.

Il-Viċi Sindku tablet l-għajnuna tal-Kunsilliera sabiex itellgħu din l-attivita`

Il-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud qalet li lesta li tgħina.

Is-Sindku qal li bħala *Christmas Village* naraw li ma jaħbatx mal-ġranet li jgħamlu fil-*family park*. Huwa qal ukoll li sabiħ li jsir *speaker* ukoll bil-kant tal-Milied max-xatt u t-toroq tal-madwar.

Kien hemm qbil li nkelmu lil Josianne Cassar jekk jistgħux iħalluna ngħamlu *financial plan* ġdid filkas niskartaw l-iskema li kelna u napplikaw għal din ta din is-sena. Kien hemm qbil illi l-venue tkun ġo Ġnien Sant'Anna.

39.3.5.1 Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal li bħal attivitajiet bħal dawn ninvoluv l-għaqdiet tal-lokal għaliex f'Jum Marsaskala din is-sena mhux ser jdoqqu.

Is-Sindku qal illi l-pjan hemm kien, imma il-Kunsill Reġjonali qalulna illi għal fondi li konna ħa napplikaw ma stajniex nqabdu il-banda u għalhekk qabbadna l-*brass band*.

Il-Viċi Sindku qalet li tista ukoll idoqq il-banda u titħallas mill-Kunsill.

Is-Sindku qal li għalkemm xtaq li ddoqq il-banda, ma jarax kif tista iġġib il-banda mal-*brass band* fi programm ta' tlett siegħat biss. Huwa qal li l-banda nistgħu nużawa għal Milied u anke l-Ġimgħa l-kbira, kif ukoll fil-Karnivall tas-Sajf tas-sena d-dieħla. Huwa kompla jispjega illi l-banda ser tkun daqqet fil-festa. Huwa qal li min-naħa tal-Ministeru għina ukoll sabiex tinġab din il-*brass band*.

Il-Viċi Sindku qalet illi l-banda tista tgħamel il-*warming up* tal-*brass band*. Hija qalet li huwa important li jiftehmu llkoll flimkien sabiex jitfassal il-programm.

Is-Sindku qal li ma hemmx program iżda li hemm biss li ser ssir il-quddies u ser jkun hemm *brass band* f'Jum Marsaskala għax ser jkun hemm il-ftuħ tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal li l-programm għandu jiġi imfassal mill-Kunsilliera u mhux jiġi mpost fuqhom.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli u l-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon talbu li jitwal il-program b'siegħa.

Is-Sindku qal li ma hemmx ħin biżżejjed.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hemm limitu tad-*direct orders.*

Id-diskussjoni tkompliet u kien hemm qbil li din id-darba jibqa bil-pjan tal-*brass band* u s-sena d-dieħla jfasslu pjan flimkien

39.3.6 **<u>Charity event KSFA Malta (35/2760/22/I):</u>**

Is-Sindku qal li din hija l-attivita` tas-sajd li issir kull sena mill-King Fisher Association li ser issir fis- 27 ta'Awwissu 2022.

Kien hemm qbil li peress li maġġor parti tal-Kunsilliera ser ikunu imsiefra nitolbuhom jekk jistgħux ibidlu d-data ghal ġimgħa qabel ħalli jkunu jistgħu jippreżentaw l-medalji.

39.3.7 **<u>SPI.SCI.7.2022 Espressjoni ta nteress clean up the world campagin (35/2762/22/I)</u>**

Il-Kunsill qabel li issir din l-attivita` u ser taħdem fuqha il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon.

39.3.8 **<u>Inizjattivi ambjentali (35/2763/22/I)</u>**

Is-Sindku qal li din hija l-istess attivta` ta punt 39.3.7 u s-Sur Matthew Mallia offra l-għajnuna tiegħu.

Il-Kunsill qabel li l-attivita` tal-*clean up* tista tiġi organizzata mill-Kunsill.

39.3.9 **<u>Cirkulari SPI.SCI.8.2022 Espressjoni ta nteress Milied 2022 (35/2771/22/I)</u>**

Din il-materja diġa ġiet diskussa.

39.3.10 **<u>Talba ghal access fil-parkegg ta liskola Agreement (35/2794/22/I)</u>**

Din il-materja diġa ġiet diskussa.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-garanzija bankarja mitluba ser issir ta' €2500.00 favur l-iskola pero` kien ikun aħjar kieku raw li l-Kunsill għandu l-polza t'assikurazzjoni. Huwa qal li din għanda issir bi prova.

39.3.11 **<u>Marsaskala Futsal (35/2713/22/I)</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Marsaskala futsal talbu li l-Kunsill jkopri l-ispejjeż tat-*training* bħal ma sar is-sena li għaddiet.

Il-Kunsill qabel li ntugħ l-istess ammont tas-sena li għaddiet.

39.3.12 **<u>Cir AKL 2022/064 Group life policy</u>**

Il-Kunsill qabel li ma jissieħebx f'din il-polza.

39.3.13 **<u>Studju Progett EUCF (35/2635/22/I)</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din is-sejħa ser terġa toħroġ fuq il-*floating concrete platforms*, peress li s-sena li għaddiet l-applikazjoni tagħna ma ġietx magħżula.

Il-Kunsill qabel li li nerġgħu napplikaw għal din is-sejħa.

39.3.14 **<u>CCTV Cameras San Tumas (35/2894/22/I)</u>**

Is-Sindku qal li l-Onor Ray Abela ikkomunika miegħu fuq *sponsorship* li sab sabiex jipprovdu żewġ *cameras* sabiex jiġi ikkontrollat l-iskart hekk kif għandna fuq il-*bring in sites*, iżda dan għandom jitwaħlu ġol Bajja ta' San Tumas.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

Is-Sindku qal illi l-Onor Ray Abela talab lill Ministru Bartolo sabiex jsiru l-*mobile toilets* fil-Bajja San Tumas peress li madwar 3 snin ilhu konna tlabna lil MTA pero` ma kienux saru, u talab sabiex titnaddaf l-għalqa li dejjem timtela bl-iskart u imbarazz fil-Bajja San Tumas.

**39.3.15** **<u>Tower Craine Triq il-Ħut ma Triq il-Qawwara</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi l-kuntrattur li għandu t-*tower craine* f'din it-triq kien rama t-*tower craine* parti minnhu fil-propjeta` tiegħu u parti minnu fuq il-bankina u fit-triq. Huwa kompla jgħid illi l-*lands* tablet lil dan il-kuntrattur sabiex tħallas lil din l-awtorita` għaliex kull art pubblika hja tal-*lands*, pero` huwa qal li hija fil-liġi li jridu jħalsu lil Kunsill u jekk ser jingħata permess li jżarma ser jinħoloq preċedent la lil Kunsill ma ġewx iħalsu.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi l-permess li jintrama il-krejn jtih il-Kunsill iżda il-kirja tal-art jagħtija l-Lands meta tkun fit-tul, pero` dan ma jfissirx li l-kuntrattur jħallas entita` u mhux l-oħra għaliex huma żewġ affarijiet differenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li huwa iċċekja mad-Direttur Ġenerali u l-permess jrid jitħallas il-Kunsill.

Il-Kunsill qabel li dan il-kuntrattur jħallas għal ġranet meta kellu t-tower craine armat umbgħad jingħata l-permess li jżarma għaliex għalkemm kull bankina u triq hija tal-*lands* imma l-amministratur huwa l-Kunsill Lokali.

**39.3.16** **<u>BBQ organizzat mill-Onor Dr. Alex Agius Saliba</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li qed jitlob saiex jiġi organiżżat bbq fit-28 ta' Lulju 2022 propjament fil-festa. Huwa qal li din hija attivita` soċjali u politika ta' 200 ruħ. Huwa qal li meta tkun attivita` politika jrid iġib il-permess mill-Puluzija.

Il-Kunsill qabel li ma jisbx oġġezzjoni għal din l-attivita` pero` din tkun on *first come first served basis.*

**39.4** ***<u>Twegibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera:</u>***

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

**39.5** ***<u>Rapporti:</u>***

39.5.1 **<u>Rapport ta Kull Kwart Nru 2 – April sa Ġunju 2022</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega r-rapport ta' kull kwart minn April sa Ġunju

***Il-Kunsillier il-Perit John Schembri ippropona ir-rapport ta' kull kwart minn April sa Ġunju u s-Sindku issekonda. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.***

39.5.2 **<u>Approvazzjoi tal-Financial statements hekk kf aġġustati mill-Awdituri</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega l-*financial statements*.

***Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri ippropona r-rapport ta' kull kwart minn April sa Ġunju u s-Sindku issekonda. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.***

39.5.3 **<u>Reply to Management Letter</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-uniku rimarka li kien hemm huwa biex inġibu l-*istatements* ta' kull xahar.

**39.6** ***<u>Items oħra ta xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkun meħtieġ:</u>***

Ma kienx hemm items oħra.

**39.7** ***<u>Korrispondenza:</u>***

39.7.1 **<u>Marsaskala Local Council Lift (35/2680/22/I)</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li hemm disgwid bejn il-Perit tal-Kunsill u l-kuntrattur fuq il-lift li ser jiġi installat għaliex il-lift li ġie ordnat dan l-aħħar ma joqgħodx fix-*shaft* li kien diġa mibni u ser jkollom jiċċaqalqu l-bibien tal-lift. Huwa qal illi l-ispejjeż ta dawn it-tibdiliet jerfahom il-Kunsill imma l-Perit tal-Kunsill qedin joġġezjonaw.

Huwa ukoll kompla jispjega illi sakemm jsiru dawn ix-xogħolijiet jirdu jingħalqu l-bibieb tal-Kunsill minħabba t-trab u sadan it-tant id-dawl il-propju ma jistax jinġieb imma fl-aħħar ġibna id-dawl temporanju.

39.7.2 **<u>KSFA Malta mit-tfal għat-tfal charity event 2022 (35/2678/22/I)</u>**

Din il-materja ġiet diskussa iktar kmieni.

39.7.3 **<u>Clean up activity (35/2673/22/I)</u>**

Din il-materja ġiet diskussa iktar kmieni.

39.7.4 **<u>Marsaskala LC audit requirement 2021 (35/2677/22/I)</u>**

Din il-materja ġiet diskussa iktar kmieni.

39.7.5 **<u>RAW004 – 11.06.22 Marsaskala Local Council (35/2591/22/I)</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li dan huwa rapport min-naħa tal-wasteserv li jinkludi ritratti li qed juri skart tal-borża sewda imħallat mal-jabloo u l-kartun u organiku meta qed jidħol ġol-landfil. Id-dipartiment qabel kien iħallas lil Kunsill tal-iskart żejjed li kien qed jidħol ġol-wasteserv pero` din ma baqatx issir u anzi issa l-Kunsill qed jiġi iċċarġjat tal-iskart żejjed li qed jidħol ġol Wasteserv. Huwa kompla jispjega illi r-regjun fil-kuntratt il-ġdid ser jkun hemm persuna li ser tkejjel il-piż tal-iskart qabel mal-kuntrattur jidħol ġol-lokalita` u kif jkun ħiereġ mill-lokalita`.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li huwa tal-parir li peress li l-kuntratt li għandu fil-preżent ser jgħalaq wara li tiġi aġġudikata t-*tender* tar-reġjun, huwa tal-fehma illi jekk nibqu nirċievu dawn l-ilmenti ninfurmaw lil kuntrattu illi kif appena jiġi aġġidikat it-tender tar-reġjun il-Kunsill jabbanduna l-kuntratt li għanda u jissieħeb mill-ewwel mar-reġjun.

Il-Kunsill qabel li niltaqgħu ma dan il-kuntrattur.

39.7.6 **<u>RAW002 – 10.06.22 Marsaskala Local Council (35/2592/22/I)</u>**

Din hija l-istess materja ta' paragrafu 39.7.5

39.7.7 **<u>DCD232 – 13.06.22 Marsaskala Local Council (35/2588/22/I)</u>**

Din hija l-istess materja ta' paragrafu 39.7.5

39.7.8 **<u>RAW004 – 11.06.22 Marsaskala Local Council (35/2591/22/I)</u>**

Din hija l-istess materja ta' paragrafu 39.7.5

39.7.9 **<u>RAW002 – 10.06.22 Marsaskala Local Council (35/2590/22/I)</u>**

Din hija l-istess materja ta' paragrafu 39.7.5

39.7.10 **<u>Graziella Miruzzi (35/2531/22/O)</u>**

Is-Sindku qal illi s-Sinjura Miruzzi hija il-persuna li tgħamel *fitness classes* fil-bandli taż-Żonqor u fl-aħħar laqgħa huwa kien qal illi it-tfal tal-ġenituri li kien qed jgħamlu il-training session kien qed jksiru xi sigar, fejn is-Sinjura Miruzzi inneggat dan l-att.. Huwa qal li fl-ebda ħin ma rid jiddisgredita lis-Sinjura Miruzzi jew it-tfal tal-persuni li jattendu il-klassijiet, iżda sempliċiment għadda kumment ġenwien.

39.7.11 **<u>Booking (35/2518/22/I)</u>**

Is-Sindku qal illi peress li Sur Januz Cezary Salamoncic ta' nazzjonalita Pollakka huwa persuna instrumentali fi ħdan id-Douzelage u jġib ħafna studenti ġewwa il-lokal tagħna, huwa tal-fehma li jistiden lilhu u koppja oħra għal Jum Marsaskala u l-Kunsill jħallas għal 2 kmamar fuq bażi ta' bed and breakfast.

Il-Kunsill qabel dwar dan

39.7.12 **PTC Marsaskala**

Is-Sindku qal illi l-Afterglow Events qed jitolbu *no objection* sabiex jgħamlu attivita` promozjonali tal-Pepsi ħdejn it-*traffic lights* ħdejn il-monument tad-Douzelage tal-bandli nhar it-12 ta'Awwissu bejn is-6.30pm u 10.30pm.

Is-Sindku qal li talbu donazzjoni.

*Il-Kunsill qabel dwar dan.*

**39.8** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti:***

**39.8.1** Is-Segretarju Eżekuttiv preżenti dawn il-pagamenti li daħlu tard

- Perit William Lewis inv  MSK001-021 li jammonta għal €477.66
- Bava inv 888 li jammonta għal €45,378.08 rigward Ġnien Sant'Anna. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi dan il-pagament kemm jiġi approvat imma ma jistx jiġi proċessat peress li l-ewwel jrid jsir transfarement fil-kont tac-central bank u nġibu l-approvazjonijiet neċessarji.

***Il-Kunsillier il-Perit John Schembri ipprona l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-Viċi Sindku is-Sinjorina Janice Falzon issekondat. Il-votazzjoni kienet 9 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.***

**39.9** **Mozzjonijiet:**

**39.9.1** **Mozzjoni mressqa mis-Sindku- s-Sur Mario Calleja u issekondata mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud (108 – 11/7/21):**

*"Jipproponi sabiex il-parti l-bajda ta' kull zebra crossing fil-lokal flok tinzrbah, tingiref u timtela b'materjal speċjali. Qed nitkellem mal-Perit Audrey Testaferrata De Noto bħala esperta fuq dan il-qasam. Il-materjal jismu Theromoplastic u li huwa trab li jissajjar bil-kettle mill-Koptasin.''*

Il-Kunsill qabel unanimament li issir iz-zebra crossing ta' Pjazza Dun Tarcis Aguis b'dan il-materjal bħala prova.

**39.9.2** **Mozzjoni mressqa mis-Sindku- s-Sur Mario Calleja u issekondata mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud (109 – 11/7/21):**

*"Dan l-aħħar kelli request mingħand koppja biex jizzewġu fil-binja Amministrattiva l-ġdida. Hekk kif konna qed nitkelmu ġiet l-idea li issir Ċena fil-ġnien quddiem il-binja. Fl-opinjoni tiegħi idea brillanti u jkun hemm ħlas lil Kunsill. Din mhux xi ħaġa ġdida peress li l-Kunsill ta' l-Isla jikri il-ġnien fejn għadhom il-gardjola. Għaldaqstant u dan wara li tkellimt mas-Segretarju qiegħed nipprponi li issir tipo ta' bye law biex ikun jista jsir dan. Tajjeb li jkun hemm qbil li wieħed jistabbillixxi kemm għandu jkun il-ħlas.''*

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-uniku problema li qed jara huwa l-użu tat-oilet tas-sala tal-Kunsill peress li meta jidħlu fil-propjeta` tal-Kunsill hemm l-appart tac-cctv u anke bħala toilet hemm wieħed biss.

Il-Viċi Sindku qalet li jistgħu jġibu *mobile toilets*.

Il-Kunsill qabel li napplikaw għal by law pero` jintuża il-ġnien biss u mhux il-bqija tal-Kunsill ħlief biex jiżżewġu ġos-sala.

39.9.3 **<u>Mozzjoni mressqa mis-Sindku- s-Sur Mario Calleja u issekondata mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud (110 – 11/7/21):</u>**

*"Jipproponi illi nibgħatu talba lill-infrastructure Malta biex fejn tnaddaf ir-ramla ta' San Tumas mid-dgħajjes imkisra u mitluqa u karrijiet msadda u fil-prezent qed jintuza għall-parkeġġ kif ġie ġie, jingħata kisja siment jew tarmak u jsirulu sinjali ta' parkeġġ kif suppost. Isiru ukoll tabelli biex day trippers ma jħallux karrijiet ta' ostakoli għad-detriment ta' sewwieqa oħra u allura jsiru tabelli biex meta l-biċċa tal-baħar tiġi varata l-karru jippostja ruħu lejn il-munxar.''*

Kien hemm qbil nitolbu lil Infrastructure Malta sabiex l-ewwel jgħamlu xi tarmak jew siment umbgħad jsiru l-parkeġġ fejn hemm il-pjazza.

39.9.4 **<u>Mozzjoni b'urġenza mressqa mill-Viċi Sindku - s-Sinjorina Janice Falzon u issekondata mill-Kunsillier is-SurJohn B Camilleri (111 – 25/5/22):</u>**

*"Nipproponi illi il-paġna tal-Kunsill għandha tkun amministrata mill-amministrattiv tal-Kunsill u għandu jkun hemm aċċess għall-editing jew minn kull membru tal-Kunsill jew ħadd. Dan sabiex naċċċertaw li l-paġna tal-Kunsill tintuża biss biex tippromwovi xogħol li jsir fil u mil-Kunsill mingħajr il-bżonn li jiġu rreklamati materjal mill-profili, paġni jew pjattaformi personali mil-paġna ufficjali tal-Kunsill.*

*Filwaqt li tajjeb li jkun hemm kemm jista' jkun informazzjoni fuq ix-xogħol li jsir f'Marsaskala, ir-residenti għandhom ikollhom l-opportunità li jkunu jafu b'ħidmet il-Kunsill Lokali tagħhom direttament mill-paġna ufficjali tal-istess Kunsill u mhux jiddependu minn pjattaformi oħrajn."*

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet li kull Kunsillier għandu jkollom aċċess għal *editing* ħalli ħadd ma juża l-profil tiegħu. Hija qalet bħal ma jiġri fil-każ tas-Sindku li huwa l-amministratur tal-paġna tal-Kunsill u ma tħossx li din hija sewwa.

Is-Sindku qal li hu jixxerja kollox.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi dak huwa l-punt li mhux jtella fuq il-paġna personali tiegħu u jiġi ixxerjat.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet jew il-paġna tal-Kunsill tiġi amministratta biss mill-amministrazzjoni u kull Kunsillier jibgħat kollox lil Kunsill jew il-Kunsilliera jkollom aċċess għal editing.

Is-Sindku staqsa jekk jistax jirrispondi il-messaggi fil-weekend jew le.

Il-Kunsill qabel ill-kemm il-messaggi u kemm l-*upload tal-posts* jsir mill-amministrattiv u mhux mill-Kunsilliera jew s-Sindku waqt il-ħinijiet li taħdem l-iskrivana jew l-iskrivani li ser ikunu responabli għalija u mhux fil-weekend. Apparti minn hekk ser issir *automatic reply* għal kull minn ser jibgħat messaggi wara il-ħinijiet tax-xogħol.

39.9.4.1 Il-Viċiċ Sindku qalet ukoll sabiex il-laqgħat li jsiru, jsiru f'ħinijiet li anke jkunu jistgħu jiġu l-Kunsilliera.

39.9.5 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – Dr Patrick Camilleri u ssekondata mill-Viċi Sindku is-Sinjorina Janice Falzon (112 –25/7/22):</u>**

*"Jipproponi sabiex viċin l-iskola ta' San Gwakkin jitwaħlu sinjali 'slow down school entrance ahead'.*

Kien hemm qbil li jsiru dawn it-tabelli fit-toroq tal-madwar.

**39.10** **Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss:**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-9.30pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tnejn 22 ta' Awwissu 2022 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 25 ta' Lulju 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| _______________ | _______________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| **Segretarju Ezekuttiv** | **Sindku** |

Minuti tal-Kunsill Lokali Marsaskala – Laqgħa Numru 39- is-Seba Leġislatura